MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 105/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 2004, skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom [illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A], u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi meta ltaqghu, il-partijiet kienu ghadhom zghar hafna – l-esponenti kellha madwar erbatax-il sena u l-konvenut kellu madwar sittax-il sena. Fil-kaz taz-zewg partijiet, ir-

relazzjoni ta’ bejniethom kienet l-ewwel esperjenza ta’ relazzjoni serja, illi eventwalment wara seba’ snin gherusija waslithom ghaz-zwieg;

Illi tul it-trobbija taghha, l-esponenti esperjenzat hafna problemi gewwa d-dar tal-genituri taghha illi effettwawlha serjament il-karattru u l-personalita’ taghha, b’dan illi bdiet tbati fost l-ohrajn minn *inferiority complex* qawwi illi sahansitra waqqaghha f’*binge-eating disorder*, u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi r-relazzjoni tal-esponenti mal-konvenut kienet tghinha taccetta ahjar lilha nnifisha, u effettivament din kienet l-unika raguni ghaliex l-esponenti ddecidiet illi tizzewweg lill-konvenut, partikolarment peress illi dak iz-zmien, shabha u partikolarment ohtha, kienu ser jizzewgu, u hija ma riditx illi tkun inferjuri ghalihom;

Illi l-konvenut, min-naha l-ohra kien immatur hafna meta accetta illi jizzewweg lill-esponenti. Huwa kien imdejjaq hafna fid-dar tal-genituri tieghu u kien jara z-zwieg bhala l-uniku mezz sabiex jibda hajja gdida ‘l boghod minn dar il-genituri tieghu, u bl-ghajnuna tal-esponenti illi kienet taghmillu l-kuragg, sabiex minkejja s-sens ta’ inadegwatezza illi kien ibati bih, ikompli jistudja u jasal fejn xtaq fil-hajja;

Illi effettivament, jidher bic-car illi l-konvenut qatt ma habb lill-esponenti ghaliex ladarba spicca l-istudji tieghu u sab postu fuq ix-xoghol, mill-ewwel iltaqa’ ma’ kollega femminili u bena hbiberija jew relazzjoni maghha, tant illi dan ammetta mal-esponenti illi ma messu qatt izzewwigha ghaliex kjarament l-istess esponenti ma kinitx tajba bizzejjed ghalih;

Illi inoltre, tul iz-zwieg mal-esponenti, il-konvenut dejjem irrifjuta illi jkollu tfal mill-esponenti bl-iskuza illi f’ghajnejh, l-esponenti kienet ghadha wisq immatura sabiex issir omm. Eventwalment, il-konvenut stess ammetta mal-esponenti illi huwa ma riedx illi jkollu tfal minnha;

Illi b'hekk isegwi illi l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, illi fixklu serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet u ghamluha impossibli ghall-istess partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi inoltre, fil-kaz tal-esponenti, il-kunsens taghha kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

Illi jsegwi ukoll illi l-kunsens tal-kontendenti inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. fil-kaz tal-esponenti, din ghazlet illi tizzewweg lill-konvenut mhux ghaliex verament kienet thobbu izda ghaliex dan kien jghinha teghleb is-sens ta' inferjorita' taghha, specjalment meta shabha u partikolarment ohtha kienu ser jizzewgu. Fil-kaz tal-konvenut, dan ghazel illi jizzewweg lill-esponenti mhux ghaliex verament kien ihobbha, izda sempliciment ghaliex iz-zwieg kien l-unika mezz sabiex huwa jahrab mid-dar tal-genituri tieghu minghajr ma jispicca wahdu;

Illi inoltre, fil-kaz tal-konvenut, il-kunsens tieghu inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva u totali taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ghaliex meta accetta illi jizzewweg lill-esponenti huwa eskluda l-possibilita' illi jkollu l-ulied mill-istess esponenti. Inoltre, il-konvenut eskluda l-unita' u l-indissolubilita' taz-zwieg, kif ukoll l-obbligu tal-fedelta', billi hekk kif inqalghu l-ewwel problemi fiz-zwieg bejn il-partijiet, il-konvenut beda relazzjoni gdida ma' mara ohra;

Illi ghalhekk, iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg;

Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-esponenti;

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Dicembru 2004 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, u senjatament ghalkemm limitatament ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-12 ta' Dicembru 2004, huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg, fosthom is-subincizi (1) (d) u (f) tal-istess Artikolu 19.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi l-esponent jaqbel mat-talbiet attrici, in kwantu dawn jikkoncernaw id-dikjarazzjoni u l-pronunzja illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar it-12 ta' Dicembru 2004 huwa null u bla effett skond il-Ligi, izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attrici;

Illi l-esponent jaqbel illi meta zzewweg lill-attrici huwa kien immatur hafna u ma kienx jifhem ezattament x'kien jirrikjedi minnu z-zwieg. Il-partijiet izzewgu wara relazzjoni ta' aktar minn seba' snin, u meta accetta illi jizzewweg lill-attrici, l-esponenti kien ghamel dan mhux ghaliex verament kien jifhem xi tfisser l-ghaqda fiz-zwieg, izda ghaliex irraguna illi wara relazzjoni daqstant twila, iz-zwieg kien il-pass illi kien imiss, specjalment la hekk kienet iddecidiet l-attrici ili dejjem iddettat kull pass fir-relazzjoni bejn il-partijiet;

Illi filwaqt illi jirrileva illi llum-il gurnata huwa solva hafna mill-problemi illi fil-passat kellu ma' uhud mill-membri tal-familja tieghu, l-esponent jaqbel illi meta ltaqa' mal-attrici u tul l-gherusija kollha bejn il-partijiet, huwa kien imdejjaq

hafna fid-dar tal-genituri tieghu, tant li ghalih, iz-zwieg kien mod kif jahrab minn familtu, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza;

Illi filwaqt illi jaqbel illi meta zzewweg lill-attrici, huwa ma kienx jifhem il-principji tal-permanenza u l-indossubilita’ taz-zwieg, l-esponent jinsisti illi huwa qatt ma kellu relazzjonijiet ma’ nisa ohra, lanqas ma’ kollega tieghu kif allegat mill-attrici, qabel ma l-partijiet isseparaw *de facto*. Kien biss xi xahar wara li l-partijiet infirdu illi l-eccipjenti beda relazzjoni ma’ mara ohra, liema relazzjoni ghadha ghaddejja sal-lum;

Illi l-esponent jaqbel illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, illi ghamlitha impossibli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-esponent jaqbel ukoll illi l-kunsens tieghu inkiseb bl-eskluzjoni ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u dan stante illi l-esponent assolutament ma riedx tfal fiz-zwieg tieghu ma’ A, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi b’danakollu, l-esponent jemmen illi l-kunsens tal-attrici ukoll kien vizzjat minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju peress illi l-attrici kellha problemi familjari u personali kbar, u kienet sahansitra tbati minn *hinge-eating disorder*;

Illi fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-esponent m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu meta kienu zghar hafna. It-tnejn li huma gew minn familji u ambjenti problematici. Ir-rikorrenti kienet tbati minn hafna insikurezzi li kienu jwassluha anke ghall-*binge-eating*. L-initmat, li kien imdejjaq hafna id-dar ukoll, kellu problemi ta' relazzjonijiet. Ir-rapport mhejjija mill-psikologa flimkien mal-provi kollha prodotti jwasslu lil din il-Qorti ghall-fehma li fiz-zewg partijiet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, kien prezenti nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzjoni, tali li jirrendi z-zwieg taghhom null.

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within*", ("**Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Dicembru 2004 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------